

# 900 Anniversarju tal-Ordni ta' San Ġwann

## *Ir-Rabta ma' Malta u ma' San Ġiljan*

Kitba ta' Andrew Borg

Min kien qiegħed il-Vatikan nhar is-Sibt 9 ta' Frar 2013 seta' jara lil madwar 4000 membru tal-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann jimmarċjaw lejn il-qabar ta' San Pietru fejn marru biex isellmu lill-"blata" li Kristu għażel biex fuqu jibni l-Knisja tiegħu, fl-okkażjoni tad-900 sena minn meta wieħed mis-suċċessuri tiegħu, il-Papa Paskal II, irrikonoxxa uffiċjalment lil dan l-Ordni Ospitalier. Għal din l-okkażjoni l-istess kongregazzjoni distinta attendiet quddiesa fil-Bażilika ta' San Pietru u wara kellha wkoll udjenza mal-Papa Benedittu XVI, udjenza li seħħet jumejn biss qabel l-istess Papa ta l-aħbar tar-riżenja tiegħu. Din l-okkażjoni sabiħa u storika ta' dan l-Ordni Ospitalier, anke jekk xi ftit imdella mill-aħbar li biha l-Papa xxokkja d-dinja Kattolika, tatna spunt biex niktbu dan l-artiklu, anke fid-dawl tar-rabta kbira li l-Ordni ta' San Ġwann għandu ma' pajjiżna, u aktar speċifikatament mal-lokalità tagħna u mal-Banda li ġġib isem wieħed mill-membri tagħha.

## Iċ-Ċelebrazzjoni

Wieħed ma jistax ma jinnutax li l-ġurnata li ntgħażlet għal din iċ-ċelebrazzjoni nzertat lejlet il-festa tan-Nawfraġju ta' San Pawl fuq gżiritna, li f'Malta niċċelebraw b'solennità. Id-data tal-anniversarju hi fil-fatt il-15 ta' Frar (1113-2013). Kull ċelebrazzjoni li ssir il-Vatikan hi sabiħa, iżda nimmaġinaw li din kienet waħda partikolarment suġġestivi bil-fuq minn 4000 kavalier miġbura madwar il-Gran Mastru attwali, Fra Matthew Festing. Il-quddiesa kienet iċċelebrata mis-Segretarju tal-Istat tal-Vatikan, Tarcisio Bertone. Iżda żgur li l-mument l-aktar mistenni kien dak meta l-Qdusija Tiegħu l-Papa Benedittu XVI indirizza lill-membri tal-Ordni. *Bis-saħħa tal-fidi li kellhom, tul dawn is-sekli kollha, membri tal-Ordni tagħkom taw l-għajnuna tagħhom lill-morda ta' Ġerusalemm, imbagħad għamlu l-istess mal-pellegrini li kienu jżuru l-Art Imqaddsa f'periklu kbir għalihom*, stqarr l-imsemmi Papa. *Imbagħad fis-seklu XIX, l-Ordni firxet aktar 'il ħidma tagħha u kompliet tgħin lill-foqra u l-morda mingħajr qatt ma tirrinunzja għall-ideali oriġinali tagħha. Intom għandkom tkomplu timpenjaw ruħkom f'din l-istess direzzjoni... qatt m'għandkom tinsew l-għeruq tagħkom.*[1]

Il-Papa kien qed jirreferi għall-attività attwali tal-'Kavalieri ta' Malta' kif inhuma popolarment magħrufa madwar id-dinja. Il-kavalieri llum joffru assistenza medika, soċjali u umanitarja f'120 pajjiż madwar id-dinja, bis-saħħa tat-13,500 membru li tgħodd fi ħdanha, u flimkien ma' madwar 80,000 voluntier u aktar minn 25,000 professjonist fil-qasam tal-mediċina[2]. L-Ospitalieri, kif oriġinaw aktar minn 900 sena ilu, li għal perjodu ta' żmien kienu saru wkoll kavalieri gwerriera, illum il-ġurnata reġgħu lura għall-missjoni ospitaliera tagħhom, u f'dan id-dawl l-Papa insista li kull membru tal-Ordni llum m'għandu qatt jinsa l-għeruq ta' din l-Ordni Sovrana.

## L-Istorja

L-istorja tal-*Kavalieri Ospitalieri*, jew kif inhuma magħrufin ukoll l-*Ospitalieri*, l-*Ordni tal-Ospitalieri*, il-*Kavalieri ta' San Ġwann*, l-*Ordni ta' San Ġwann*, l-*Ordni Sovran u Militari tal-Ospitalieri ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm*, *ta' Rodi*, u fl-aħħar anke *ta' Malta*, hija waħda twila, interessanti u glorjuża, kif se naraw fil-qosor hawnhekk. L-għeruq tal-Ordni tal-Kavalieri nsibuhom fil-pedamenti ta' sptar antik li kien iservi l-bżonnijiet mediċi tal-pellegrini li kienu jżuru Ġerusalemm.[3] Jidher li l-ewwel sptar f'dan il-post kien ikkummissjonat mill-Papa Girgor I madwar is-sena 600wK. Dan tkabbar madwar is-sena 800wK minn Karlumanju, li dak iż-żmien kien Imperatur tal-Imperu Ruman. Fis-sena 1005wK l-isptar inqered mill-Kaliff Al Hakim li kien farrak Ġerusalemm. Fis-sena 1023 xi merkantiera Taljani minn Amalfi u Salerno ħarġu l-flus biex seta' jerġa' jinbena dan l-isptar bil-permess tal-Kaliff Ali az-Zahir tal-Eġittu. Il-post li ngħażel għal dan l-isptar il-ġdid kien il-Monasteru ta' San Ġwann il-Battista, u allura hawnhekk naraw ir-raġuni li eventwalment intgħażel dan il-qaddis bħala patrun tal-Ordni.



Ċelebrazzjonijiet tad-900 sena tal-Ordni ta' San Ġwann ġewwa l-Vatikan

Bl-għajnuna tal-imsemmija merkantiera u bit-tmexxija tal-patrijiet Benedettini beda jopera l-isptar Sacra Domus Hospitalis li kien miftuħ għall-pellegrini rġiel biss. Ospizju għan-nisa nbena ftit wara mal-Knisja ta' Sancta Maria Magdalena. Bejn l-1008 u l-1028 nafu li dawn iż-żewġ imkejjen mediċi kienu qed jitmexxew minn Patri Xmun ta' Sirakuża, *capo ospitaliere dei pellegrini di Terrasanta*[4], li kien organizza n-nurses f'kongregazzjoni taħt il-ħarsien tal-Benedettini. Lil dawn tahom bħala patrun lil San Ġwann il-Battista. Eventwalment ix-xogħol żdied, il-grupp kiber u organizza ruħu dejjem aħjar, u nibet il-ħsieb li din il-kongregazzjoni tinqata' għaliha mill-Benedettini bħala Ordni Reliġjuż ta' ospitalieri lajċi. It-talba tagħhom, li saret minn Fra Gerard, li kien qed imexxihom dak iż-żmien, intlaqgħet mill-Papa Paskal II fil-15 ta' Frar 1113 – appuntu l-anniversarju li l-Ordni qed ifakkar din is-sena.

L-imsemmi Papa, ħallielhom id-dritta li jippossjedu proprjetà, bini, kunventi u sptarijiet fejn iridu, u għal bidu ħallihom liberi minn voti li s-soltu kienu jittieħdu minn Ordnijiet Reliġjużi. Żvilupp ieħor seħħ fi żmien is-suċċessur ta' Fra Gerard, li kien Fra Raymond du Puy, li beda jissejjaħ Maestro dello Spedale[5], dan laqqa' Kapitlu Ġenerali li fih kien deċiż, li minħabba ċ-ċirkostanzi taż-żmien, kien meħtieġ li mal-obbligi reliġjużi u ospitalieri jiżdiedu dawk kavallereski, sabiex l-Ordni tkun tista' toffri wkoll difiża lill-Art Imqaddsa u l-pellegrini li kienu dejjem qed ikunu minaċċjati mill-infidili u mill-ħallelin.

It-titlu ta' Gran Mastru nsibuh jintuża għall-ewwel darba fl-1177 meta Fra Roger de Moulins assuma t-tmexxija tal-Ordni.[6] Il-kavallieri ngħataw l-ilbies karatteristiku li jiddistingwihom sal-ġurnata mqaddsa tal-lum mill-Papa Alessandru IV fl-1259.[7] Hu tahom

il-mantar iswed mnebbah mill-ilbies tal-Benedettini u fuqu żdied is-salib bi tmien ponot li sar biex jitfakkru t-tmien beatitudnijiet mxandra minn Sidna Ġesù Kristu fil-famuż diskors tal-muntanja.[8] Eventwalment meta l-Ordni ngħata t-tmexxija ta' Malta kif ser naraw iktar 'il quddiem, dan is-salib sar sinonimu ma' gżiritna u llum huwa magħruf ukoll bħala 's-salib ta' Malta'.[9]

Naraw issa x'se ġara mill-Ordni meta din sfat imkeċċija minn Ġerusalemm fl-1187 meta Saladin rebaħ lil din il-belt qaddisa.[10] L-ewwel ma marru kien f'Acre, li iżda, kellhom jassedjawha għal tliet snin sħaħ qabel ħaduha taħt idejhom. Hawnhekk damu sal-1291 meta Melemuk tal-Eġittu kaxkarhom 'il barra għalkollox mill-Palestina, u kellhom isibu kenn f'Limasol f'Ċipru. Kien f'dan il-post li l-ordni żviluppa t-talenti navali tiegħu, bena numru ta' vapuri tal-gwerra u eventwalment kellu l-flotta kompluta tiegħu. Fl-1310 l-Ordni tirbaħ Rodi taħt idejha fejn damu sal-1522, żmien twil biżżejjed biex isimhom intrabat sew ma' din l-art u saru magħrufa bħala l-Kavalieri ta' Rodi. Prova li l-kavalieri kien sar forza ta' min jibża' minnha kienet tinsab fil-ġenn li kellhom l-Għarab biex jxejnu u jeqirdu lill-Ordni darba għal dejjem. Issa kien imiss lil Suleiman II li jattakkahom f'Rodi u jibgħathom 'il barra minn hemm.

Scerri (1993)[11] jgħidilna li L'Isle Adam, li kien Gran Mastru dak iż-żmien, dam seba' snin sħaħ jitkarrab mal-Ewropa kollha biex l-Ordni jingħata l-għajnuna u post mnejn jopera. L-istorja biex l-Ordni wasal fuq gżiritna hija waħda pjuttost twila u kkomplikata u kienet tinvolvi ħafna diskussjonijiet dwar kundizzjonijiet, obbligi drittijiet u dmirijiet, u għalkemm mhux se nidħlu fiha hawnhekk minħabba l-limitazzjonijiet tagħna, nistqarru li hija waħda interessanti ferm.[12] Il-Gran Mastru L'Isle Adam iffirma t-trattat biex jieħu l-gżira ta' Malta fil-25 t'April 1530, trattat li miegħu kien hemm marbut l-għotja ta' falkun kull sena *in maniera de perpetua memoria de tal beneficio receputo*[13]; il-benefiċċju li l-Maltin jibqgħu jixtru l-qamħ minn Sqallija mingħajr ma jħallsu taxxa tad-dazju (minkejja l-fatt li l-Viċire ta' Sqallija ma kienx għadu jikkmanda fuq Malta); u anke d-dritt li l-Ordni tibqa' tuża l-munita tagħha fil-gżira u lil hinn minnha.



Il-Gran Mastru L'Isle Adam

Il-familji nobbli li sa dak iż-żmien kellhom ċertu kontroll fuq il-poplu ta' dil-gżira ma tantx ħadu pjaċir jaraw lill-ordni teħdilhom dal-poter. L-istess reazzjoni ġiet mill-awtoritajiet tal-Knisja f'Malta. Il-poplu, deher li ħa pjaċir li kien akkwista lil xi ħadd li jipproteġih mill-attakki frekwenti tal-furbani. In-nies li kienu joqogħdu lejn il-Birgu ferħu aktar u aktar għax raw prospetti sbieħ għall-kummerċ bil-wasla tal-Ordni f'dawk in-naħat. Mill-ġdid hawnhekk mhux il-lok li nidħlu fid-dettall dwar dawn ir-reazzjonijiet u dwar x'sar biex kull parti tieħu l-aħjar li tista' mill-miġja tal-Ordni.

Il-Gran Mastru l'Isle Adam rifes fuq din l-art Maltija, eżattament fil-Birgu, nhar is-26 ta' Ottubru 1530. Il-ġurament ħadu fit-30 ta' Novembru, ġurament li fih kien imwiegħed li l-Ordni kien se jirrispetta l-privileġġi u t-tradizzjonijiet Maltin. Kien biss wara li ħa dan il-ġurament li l-Gran Mastru ngħata mill-Maltin iċ-ċwievet tal-Belt tal-Imdina. Kif jirrakkonta wkoll Bosio (1594)[14] wara li ngħata ċ-ċwievet, il-Gran Mastru daħal fl-Imdina fost ċapċip,, logħob tan-nar u daqq ta' qniepen.

Sintendi l-Musulmani xejn ma ħadu pjaċir li dan l-Ordni reġa' sab art fejn jistabilixxi ruħu, jissaħħaħ u jikber. Għaldaqstant bdiet tiġi ppjanata offensiva massiva li kellha tinkiteb fil-paġni tal-istorja mhux biss ta' pajjiżna, iżda tal-Ewropa, u nistgħu ngħidu bla tlaqliq ta' xejn, tad-dinja kollha ta' dak iż-żmien. Dan hu l-famuż 'Assedju l-Kbir' li ra lill-forzi tal-Ordni ta' San Ġwann, li kienu preżenti f'madwar 700 kavalier, jissiltu spalla ma' spalla mas-suldati Maltin, li forsi kienu jgħoddu xi 8000 oħra, fl-assenza ta' għajnuna minn barra li baqgħet qatt ma ttieħdet bis-serjetà, kontra dan l-għadu ġgantesk li ġie biex jinvadi l-gżejjer tagħna b'madwar 40,000 suldat.[15] Inkiteb ħafna dwar dan l-Assedju, iżda li jolqotna l-aktar kien l-involviment tal-Maltin kollha, tant li fit-taqbid ma ħadux sehem biss l-irġiel, iżda anke n-nisa u t-tfal. F'diskors mistħajjel l-awtur Simon Scarrow (2012) iġib lill-Gran Mastru La Valette jgħid hekk: *From now on everyone is a combatant under my direct command, and military discipline will be applied. There are no longer any civilians on Malta. Every man, woman and child must play their part in defending the island.*[16]

## Wirt Il-Kavalieri

Iż-żewġ Gran Mastri li segwew lil L'Isle Adam (1521-1534)[17], mexxew l-Ordni u lil Malta għall-perjodi relattivament qosra: Pietro del Ponte (1534-1536) u Didier de Saint Jaille (1535-1536). Fi żmien l-Aragoniż Juan d'Omedes (1536-1553) beda jiġi kkunsidrat il-bżonn tal-fortifikazzjoni tal-pajjiż u ġew identifikati żewġ siti partikulari: il-ponta ta' Sant'Jiermu u l-oħra fuq Monte San Giuliano.[18] Iżda kien il-Gran Mastru Claude de la Sengle (1553-1557) li ffortifika l-għolja ta' San Ġiljan u fi ħdan il-fortifikazzjoni bena belt li ta' ismu Citta Senglea. Dan barra xogħlijiet oħra ta' fortifikazzjoni li saru bnadi oħra wkoll, fosthom il-Birgu. Isem Jean de la Valette (1557-1568 barra milli huwa assoċjat mal-Assedju l-Kbir li diġà semmejna, ħalla ismu wkoll fil-belt iffortifikata li bena fuq l-Għolja Sciberras, belt li ta ismu, Valletta, illum il-kapitali ta' gżiritna, u hekk Alla jrid fl-2018, tkun ukoll il-Kapitali Kulturali Ewropeja. Is-suċċessur tiegħu, Pietro del Monte (1568-1572) beda l-bini tal-Palazz tal-Gran Mastru fi ħdan din l-istess belt. Il-Gran Mastru Franċiż Jean l'Evesque de la Cassière (1572-1581) ħallas għall-bini tal-Kon-Katidral ta' San Ġwann, iddisinjat mill-Perit Malti Ġlormu Cassar. Dan kien ikkonsagrat fl-20 ta' Frar 1578.

Ma' isem Hugues Loubenx de Verdalle (1582-1595) norbtu l-binja sabiħa tal-Palazz Verdala, għal kemm żmienu hu aktar marbut mal-attakki mill-furbani, il-ġuħ u anke l-pesta. Il-Gran Mastru Martin Garzes (1595-1601) beda jaħseb biex iħares xtut il-gżejjer tagħna u bena l-ewwel torri tal-għassa f'Għawdex. Warajh Alof de Wignacourt (1601-1622) tana l-akwadott li fi żmien kien ipproġettat biex iwassal l-ilma mir-Rabat sal-Belt Valletta. Wara appena sena ta' tmexxija f'idejn Luis Mendes de Vasconcellos (1622-1623), laħaq Gran Mastru Antoine de Paule (1623-1636). Dan, bl-assistenza tal-perit Floriani da Macerata beda l-estensjoni tal-fortifikazzjonijiet fejn illum insibu l-Furjana. Għalih issemmiet ukoll Città Paola, li nafuh bħala r-Raħal Ġdid. Jean Paul Lascaris Castellar (1636-1657), li ismu huwa sinonimu mal-espressjoni Maltija "wiċċ Laskri" minħabba l-azzjonijiet tiegħu li

tefgħu ilma kiesaħ fuq l-entużjażmu tal-Karnival, ħallielna wkoll b'wirt, aktar fortifikazzjonijiet fuq l-għolja Santa Margerita, Bormla, il-Lazzarett fuq *Manoel Island*, u l-Bibliotheca Nazzjonali. Il-Gran Mastru De Redin (1657-1660) saħħaħ sewwa d-difiża mal-kosta bil-bini ta' aktar torrijiet, li mbagħad baqgħu ukoll msemmija għalih. Fil-fatt bena tlettax-il torri u fuq kull wieħed poġġa żewġ kanuni.


Palazzo Spinola, San Ġiljan

Wara perjodu qasir ta' anqas minn sena taħt Annet de Clermont de Chattes Gessan (1660) l-Ordni għadda taħt idejn Raphael Cotoner (1660-1663) li fi żmienu sar progress kbir fl-Infermerija. Cotoner kien iħobb ħafna l-Arti tant li kien hu li ġab lil Mattia Preti fostna biex jarrikkixxi lil San Ġwann. Ħuh Nicholas Cotoner kompla warajh (1663-1680). Imsemmija għalih l-fortifikazzjonijiet uniċi forma ta' nofs ċirku li jdawru t-tlitt ibliet tal-Kottonera. Fi żmien nbena wkoll il-Forti Rikażoli. Fl-għaxar snin ta' tmexxija ta' Gregorio Carafa de Roccella (1680-1690), tkomplew, issaħħew, u kienu modifikati skont l-eżiġenżi taż-żmien xogħlijiet mibdija mill-Gran Mastri ta' qablu. Fi żmien Adrien de Wignacourt (1690-1697) seħħ it-terremott tal-1693 li ħalla ħafna ħsara li kellu jaħseb għaliha dan il-Gran Mastru. Ramon Perellos Y Roccaful (1697-1720) ta importanza lill-iżvilupp kummerċjali u għal dan bena ħafna mħażen kbar. Iżda huwa kellu għal qalbu wkoll il-kultura u għaldaqstant ħareġ ħafna flus biex ikompli jissebbaħ il-Kon-katidral ta' San Ġwann. Ta' żmienu huwa s-sett ta' tnax-il arrazz miġjuba minn Franza għall-imsemmi Kon-katidral, kif ukoll sett ieħor ta' għaxra għall-Palazz Maġisterjali. Huwa kkummissjona wkoll l-istatwa tal-Magħmudija tal-Mulej ta' Giuseppe Mazzuoli li wkoll tinsab f'San Ġwann, il-Belt. Fi żmien nbena wkoll Portes de Bombes. F'perjodu qasir ta' sentejn Marcantonio Zondadari (1720-1722) saħħaħ il-fortifikazzjonijiet f'Għawdex.

Isem il-Gran Mastru Manoel de Vilhena (1722-1736) norbtuh mat-Teatru Manoel u mal-gżira żgħira li ġġib ismu, li huwa kien iffortifika. Barra minn hekk iżda huwa kien irranġa l-bieb ewlieni tal-Imdina u anke żviluppa fi ħdan il-fortifikazzjoni tal-Furjana żona urbana oħra. Ta' żmien Raimondo Despuig (1736-1741) huwa l-bieb il-ġdid tal-Mdina ddisinjat minn Mondion li quddiemu ttella' wkoll pont. Il-Gran mastru Emanuel Pinto de Fonseca (1741-1773) ta ismu lil Ħal Qormi. Warajh Francisco Ximenes de Texada (1773-1775) aktar milli għal xi binja sabiħa jibqa' mfakkar għall-"irvell tal-qassisin". Emanuel De Rohan Polduc ta ismu lil Ħaż-Żebbuġ. L-aħħar Gran Mastru kien Ferdinand von Hompesch (1797-1798) u fi żmien seħħet l-invażjoni mill-Franċiżi taħt it-tmexxija ta' Napuljun Buonaparte. L-Ordni issa ma kinitx għada b'saħħitha u għaldaqstant ċediet il-gżejjer tagħna lil dawn il-ħakkiema ġodda.

Id-dawra li għamilna flimkien mal-Gran Mastri tal-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann nistgħu ngħidu li ħaditna f'kull rokna ta' Malta u Għawdex. Lil Malta minn biċċa blata arida u vojta żviluppawha f'art il-ġmiel tagħha li għarfet iżżomm is-seħer naturali tagħha filwaqt li żewqet dan ma' binjiet artistiċi ta' valur kbir arkitettoniku li baqgħu għandna b'wirt mingħand dan l-Ordni glorjuż. Daqskemm is-salib bi tmien ponot, is-simbolu distintiv tal-Ordni ta' San Ġwann illum sar sinonimu ma' Malta, daqstant ieħor il-wirt imprezzabbli li ħallewlna dawn

il-kavalieri ospitalieri huwa filfatt l-immaġini glorjuża li għadha tiftaħar bih Malta ma' kull minn iżurha, illum bħala art indipendenti u ħielsa, u mhux aktar maħkuma bħal dari.

Ir-rabta ta' Malta mal-Ordni tal-Kavalieri ta' San Ġwann hija waħda qawwija u profonda, u kif għidna iktar 'il fuq tinħass kull fejn tmur fuq din il-gżira jew fuq it-tnejn l-oħra li jifformaw magħha dan l-arċipierku. Anke f'San Ġiljan inħossu din ir-rabta ma' dan l-Ordni glorjuż, ibda mill-qaddis patrun tagħna San Ġiljan Ospitalier, u kompli bil-binja sabiħa tal-Palazz Spinola, frott il-ġid ta' wieħed minn ulied din l-Ordni. Fuq dan se nitkellmu f'din l-aħħar parti ta' dan l-artiklu.

## Ir-Rabta ma' San Ġiljan

Anke jekk il-kult tal-qaddis tagħna San Ġiljan mhux bilfors ddaħħal mill-Kavalieri, Fiorini (1992) jsostni li dik f'San Ġiljan *taf l-iżvilupp tagħha lill-Kavalieri Ospitalieri.*[19] Filfatt kif ikompli l-istess awtur, nafu li l-Kavalieri għenu ħafna biex tinfirex id-devozzjoni lejn dan il-qaddis f'imkejjen oħra tal-gżejjer ta' Malta u Għawdex, għalkemm hu stess imbagħad jippreżenta xhieda li kienu jeżistu knejjes iddedikati lil dan il-qaddis qabel il-miġja tal-Kavalieri. In-namra tal-kaċċa li seta' kellhom xi kavallieri ġibdet aktar attenzjoni fuq dan il-qaddis. Tant hu hekk li fl-Isla, fejn diġà kien hemm knisja ddedikata lil San Ġiljan u saħansitra l-għolja li fuqha kienet mibnija kienet ukoll imsemmija għalih, l-imsemmija knisja *nbniet mill-ġdid fl-1539 minn but il-kavalier Portugiż Fra Diego Pires de Malfreire b'qima lil San Ġiljan li lilu kienet diġà ddedikata.*[20] F'din il-knisja għadha tiġi ċċelebrata l-festa tal-qaddis fil-jum liturġiku tiegħu, is-27 ta' Jannar. Bħal fuq l-għolja tal-Isla, anke qrib il-bajja ta' San Ġiljan kien hemm l-ispazju ideali biex fih issir il-kaċċa. Fiorini jsostni mela, li *għalkemm id-devozzjoni lejn San Ġiljan Ospidalier kienet mifruxa fil-gżejjer Maltin sa minn qabel l-1530*, hi ħadet tefgħa 'l quddiem meta ġew il-kavallieri, li billi kienu ordni medjevali ta' Ospitalieri, kellhom kull raġun li jġibu 'l quddiem il-kult tal-qaddis tagħna.[21]



Kwadru tal-Kavallier Fra Paolo Raffaele Spinola fil-Kappella tal-Kunċizzjoni

L-ewwel knisja ddedikata lil San Ġiljan fl-inħawi fejn illum hawn il-parroċċa ddedikata lilu nbniet wara dik tal-Isla. Data preċiża tal-ewwel knisja m'għandniex. Papagiorcopulo (2008)[22] jirreferina għall-istoriku Achille Ferris li fil-ktieb tiegħu *Descrizione Storica delle Chiese di Malta e Gozo* jagħti l-1580 bħala d-data tat-twaqqif tal-ewwel knisja. Iżda din hija data kkalkulata, miġjuba proabbilment mill-fatt li ma tissemma l-ebda knisja fil-Viżta Pastorali ta' Mons. Pietro Dusina tal-1575, filwaqt li tissemma għall-ewwel darba f'dik tal-Isqof Spanjol Tommaso Gargallo fl-1601, fejn jgħid li l-kappella nbniet *m'hiliex, sewwa sew fejn kien hemm il-knisja l-qadima*. Hawnhekk m'aħniex se nidħlu fl-istorja tal-Knisja ta' San Ġiljan, iżda biżżejjed ngħidu li jekk il-kavallieri nġibdu lejn dawn l-inħawi minħabba li kien tajjeb għan-namra tagħhom tal-kaċċa, dawn setgħu sabu din il-knisja żgħira adattata għalihom biex iwettqu l-obbligi tagħhom ta' nsara. Probabbilment ikkontribwew ukoll biex tiżdied l-attività biswit din il-knisja u biex bdiet tiżviluppa l-lokalità nnifisha li allura ġabet il- ħtieġa, matul is-snin ta' wara għall-bini u tkabbir ta' knejjes f'dan il-post.[23]

L-attenzjoni tagħna ddur fuq knisja oħra f'dawn l-inħawi li għandha relazzjoni aktar diretta mal-kavallieri, jew aħjar ma' wieħed minnhom, il-Kavalier Spinola. Meta nsemmu l-kunjom Spinola nkunu qed nirreferu għal isem prestiġjuż ta' familja li tat lill-Ewropa *doġi u gvernaturi, isqfijiet u kardinali, ammiralli u ġenerali, senaturi u awturi, storiċi u patrijotti.*[24] Storace (1992) igħidilna li ma' dawn kien hemm ukoll bosta kavalieri ta' San Ġwann, li xi wħud minnhom huma midfuna fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann il-Belt.[25] Fra Paolo Raffaele Spinola, li kien Gran Prijur tal-Lombardija barra milli kien kavalier tal-Ordni kellu ħuh li kien il-Markiż Francesco Napoleone Spinola de Roccaforte li kien akkwista biċċa art fl-inħawi ta' San Ġiljan, li fuqha xtaq iwaqqaf abbazija f'ġieħ Ommna Marija, li tagħha tant kien devot. Storace jgħidilna li billi l-Markiż ma kienx membru tal-Ordni huwa ħareġ il-flus imma nnomina lil ħuh biex jagħmel dan.[26] Storace jgħidilna li Fra Paolo Raffaele bi flus ħuh bena l-knisja tal-Kunċizzjoni li ġiet imbierka fl-10 ta' Settembru 1688, u li bħala piżijiet marbuta magħha kellu l-obbligu li jara li ssir quddiesa kull nhar ta' Ħadd mhux biss f'din il-knisja iżda anke fi knisja oħra; li jinxtegħel lumpier; u li l-knisja tkun armata b'dak kollu li jenħtiġilha.[27] Effettivament nistgħu ngħidu li l-Kavalier Spinola kien ir-Rettur tagħha. Tiegħu filfatt saret pittura taż-żejt li għadha tinsab f'din l-imsemmija knisja.

Warajh laħaq membru ieħor tal-familja Spinola bħala rettur u dan kien neputih Fra Ġiovanni Battista Spinola, ammirall tal-flotta tal-Ordni ta' San Ġwann. Dan, meta ħa l-fundazzjoni f'idejh fit-22 ta' Awwissu 1692 żdiedlu piż ieħor li permezz tiegħu bdiet tiġi ċċelebrata ta' kull sena l-festa tal-Immakulata Kunċizzjoni fit-8 ta' Diċembru[28], kif għadu jsir sal-lum. Ninnutaw ukoll li mal-obbligi ġie speċifikat ukoll li l-lampier irid jibqa' jixgħel lejn u nhar u allura skont Storace *dan ifisser li l-knisja kienet saret sagramentali.*[29] Ir-rabta ta' din il-knisja mal-familja Spinola tintemm fl-14 ta' Frar 1737 meta miet Fra Giovanni. Filfatt l-aħħar darba li jissemma dan il-kavallier kien fil-viżta pastorali tad-19 ta' Marzu 1736, filwaqt li f'dik ta' wara mill-Isqof Rull fl-1758 ma jissemma la hu u l-anqas xi membru ieħor tal-familja Spinola.

Il-Familja Spinola ħalliet b'wirt storiku u kulturali lil-lokalità tagħna, mhux biss din il-knisja żgħira, iżda anke l-Palazz li għandu l-isem tal-istess familja. Mill-fondi li kiseb m'għand ħuh Fra Paolo Raffaele mhux biss bena l-imsemmija knisja, iżda bena wkoll ġmiel ta' Palazz komplut bil-ġnien kbir tiegħu, it-tnejn jagħtu għal fuq il-bajja sabiħa ta' San Ġiljan. Hughes (1967) jirreferi għal din il-binja bħala *waħda mid-djar li l-aktar isaħħruk ta' żmienha (għalkemm) arkitettonikament hi kompromess kollha kemm hi.*[30] L-istess awtur jagħti deskrizzjoni dettaljata ta' dan il-palazz li nsibuha traskritta fil-kapitlu ffirmat minn Storace (1992) fil-ktieb maħruġ mill-parroċċa fl-okkażjoni taċ-ċentinarju.[31]

Interessanti l-fatt li dan il-palazz inbena *għall-mogħdija taż-żmien tal-pubbliku.*[32] Storace jżid ukoll li skont tradizzjoni lokali, Fra Giovanni Spinola *kien jorganizza t-tijatrin fil-beraħ fuq għolja għamla ta' nofs ċirku faċċata tal-belveder*, liema belvedere kien ukoll jagħmel parti mil-limiti tal-palazz kif jixhdu ż-żewġ ħitan għolja mtellgħin mad-dawra (li wieħed minnhom issa m'għadux hemm, minħabba li twessgħet it-triq).

Fl-aħħar nett insemmu wkoll dawk l-arkati li hemm f'xatt is-sajjieda li wkoll bi probabbiltà kbira huma wirt l-ordni ta' San Ġwann. Fil-fatt għalkemm m'għandniex ddokumentat minn bniehom, il-Perit C. Rizzo li kien ukoll Direttur tal-Mużew il-Belt kien jemmen li dawn inbnew mill-Gran Mastru Gregor Carafa (1680-1690). Il-fdal ta' skrizzjoni li hemm fuq ix-xriek tal-arkati tindika li dawn jew inbnew inkella nfetħu għall-pubbliku fi żmien Carafa. Storace jikkonkludi: Billi Fra Pawl Rafel u n-neputi tiegħu, Fra Ġiovanni Battista Spinola,

għexu fi żmien il-ħakma ta' Carafa, u t-tnejn kienu baħħara qalbiena, maħbuba man-nies ta' San Ġiljan, li dejjem raw ġid mill-familja Spinola, aktars li hu minnu li dawn iż-żewġ arkati u l-oħra 'l fuq qrib il-knisja, li bħalhom m'hawnx Malta, kienu mogħtija bħala rigal lis-sajjieda jew mill-Gran Prijur inkella minn neputih.

Fil-ġungla tal-konkrit li sar illum San Ġiljan, dawn iż-żewġ binjiet li ħallewlna l-kavallieri, il-Palazz Spinola u l-Knisja tal-Immakulata Kunċizzjoni, flimkien mal-Knisja l-Antika ta' San Ġiljan Ospidalier, jibqgħu meqjusa fost l-aktar binjiet storiċi u ta' valur li għandna f'dawn l-inħawi. Nieħdu ħsiebhom għax jekk nitilfu dawn ma jibqagħlna xejn.

**Referenzi**

[1] Id-diskors tal-Papa f'din l-okkażjoni hu kkwotat mis-sit: www.france24.com/20130209-pope-receives-knights-malta-900th-anniversary
[2] Tagħrif miġjub mill-ġurnal Taljan La Stampa permezz tas-sit: www.vaticaninsider.lastampa.it
[3] It-tagħrif dwar is-snin ta' qabel twaqqfet l-Ordni hu miġjub mis-sit: http://en.wikipedia.org/wiki/Knights_of_St_John
[4] Scerri, L. J. (1993) *The Grand Masters of Malta*, Heritage Books, p. 1
[5] Ibid.
[6] Ibid., p. 2
[7] Ibid.
[8] Ara San Mattew, Kap 5, 1-12
[9] Biżżejjed tfittex taħt 'Maltese Cross' fuq l-internet, u jitlagħlek is-salib bi tmien ponot u tagħrif dwaru. Ara per eżempju: http://en.wikipedia.org/wiki/Maltese_cross
[10] Scerri L. J. (1993) op. cit., p. 2-3
[11] Ibid.
[12] Scerri L. J. (1993) op. cit, jagħtiha fil-qosor fl-imsemmi ktieb, filwaqt li wieħed jista' jsibha wkoll fis-sit: http://en.wikipedia.org/wiki/Knights_of_St_John . Sintendi jekk wieħed imbagħad irid jidħol f'aktar dettal għandu jara" Bosio G. (1594) *Dell'Istoria della Sacra Religione et Illma. Militia di San Giovanni Gierosolimitano*, Ruma.
[13] Bosio G. (1594) op. cit.
[14] Ibid.
[15] In-numri huma miġjuba mis-sit: http://en.wikipedia.org/wiki/Knights_of_St_John
[16] Scarrow, Simon (2012), *Sword and Scimitar*, Headline Publishing Group UK, p. 191. L-Assedju l-Kbir huwa rrakkontat b'mod mill-aktar vivaċi u eċċitanti f'dan ir-rumanz Ingliż. Wieħed jista' jaqra wkoll, per eżempju: Napier, William, (2011), *Clash of Empires – The Great Siege*, Orion Books, UK.
[17] Id-dati li qed inġibu wara isem kull Gran Mastru jindikaw is-snin li fihom mexxew l-Ordni u l-gżejjer Maltin; dati meħuda minn Scerri (1993) op. cit.
[18] Scerri (1993) op. cit., p. 8
[19] Fiorni, Prof. Stanley ed. (1992) San Ġiljan Mitt Sèna Parroċċa 1891-1991, *Deer Publications*, p. 13
[20] Ibid., p. 17
[21] Ibid., p. 19
[22] PAPAGIORCOPULO, N., (2008) "Ġrajjet il-Knisja ta' San Ġiljan (1) Iż-Żminijiet tal-Bidu: Gargallo u l-Viżti Pastorali Tiegħu", f'Lapsi 2008, pp.7-12.
[23] Ibid.; u ara wkoll l-artikli li jsegwu fl-edizzjonijiet ta' Lapsi 2009-2013.
[24] FORMOSA, B. J., (1964), "The House of Spinola" f'*The Sunday Times of Malta* (20.XII.1964), p. 15
[25] STORACE, J., (1992), "Spinola" f' San Ġiljan Mitt Sena Parroċċa 1891-1991, Fiorini, S. (ed.), pp. 37-49
[26] Ibid.
[27] Ibid.
[28] Ibid.
[29] Ibid.
[30] HUGHES, Q., (1967), *The Buidling of Malta 1530-1795*, pp. 170-172
[31] STORACE, (1992) op. cit.
[32] Ibid.